**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2014**

**Ir-Raba' Sena** | **Il-Malti (IL-Qari u l-Kitba)** | **Il-Ħin: Siegħa u Kwart**

**L-Isem u l-Kunjom:** ____________________________ **Il-Klassi:** __________

| | |
|---|---|
| **Il-Qari u l-Kitba** | |
| **Il-marki għat-taqsima** | **60 marka** |
| **Il-marki tal-istudent/a** | |



**Għall-istudent/a**
**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek, kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

Aqra sew din is-silta.

# ***Il-Fiera tar-Raħal***

"Nhar il-Ħadd se jkollna l-Fiera!" qalu n-nies tar-raħal. U hekk kien, għax is-Sibt filgħodu, il-kappillan ħeġġeġ lin-nies biex jieħdu sehem fil-fiera. Il-qligħ kollu minnha kellu jmur għall-knisja tar-raħal. ***(par. 1)***

Il-misraħ iżżejjen bil-bnadar, fanali u pavaljuni. Kollox kien imħejji. Marinton u oħtha Kunċett tħajru li jmorru. ***(par. 2)***

Il-Ħadd filgħaxija wasal u n-nies inġemgħet fil-misraħ. Kunċett u Marinton ukoll irħewlha lejn il-misraħ. Marinton ma riditx tmur il-fiera bla ma tieħu biljett tal-lotterija għax kienet għamlet f'moħħha li tieħu xi ħaġa lura d-dar. ***(par. 3)***

Ftit wara, raġel **<u>mgħobbi biż-żmien</u>** sejjaħ tifel biex itella' numru.
"Tlieta u tletin!" għajjat ir-raġel.
"Hawn hu!" għajtet Marinton. Malajr resqet lejn ix-xiħ li bidlilha l-biljett rebbieħ ma' tiġieġa bajda. Kunċett u sħabha baqgħu jħarsu lejha kollha mistagħġbin. ***(par. 4)***

"Uff għalik," qalet Ċikka,"hawn sejra mgħobbija inti!" Sewwa kienu jgħidu li Ċikka kienet tgħajjen għax ma' dawn il-kelmiet it-tiġieġa tat skoss u telqet ittir fuq in-nies. Qam storbju sħiħ. Marinton, oħtha u Ċikka tgħidx kemm ġrew wara t-tiġieġa iżda għalxejn. Għaldaqstant, ftiehmu li jinfirdu bit-tama li jsibuha. ***(par. 5)***



Wara ħafna, Marinton lemħet lit-tiġieġa ġo rokna ta' sqaq. Hi nxteħtet fuqha u qabditha taħt idejha. Marinton **<u>għajjiena mejta</u>** kif kienet ħasbet biex tmur lura d-dar bla ma tgħid xejn lil oħtha. ***(par. 6)***

Kunċett baqgħet tfittex it-tiġieġa iżda ma setgħet issibha mkien. Fl-aħħar, lemħet raġel bil-qiegħda fuq ġebla b'tiġieġa bajda f'idu. Kunċett ġriet għal fuqu u ħatfitlu t-tiġieġa minn idu u ħarbet tiġri. Ir-raġel baqa' mistagħġeb. ***(par. 7)***

Marinton kienet ġa qaflet it-tiġieġa ġol-gallinar, meta semgħet lil oħtha tiftaħ il-bieb. Tgħidx kemm stagħġbet meta rat tiġieġa bajda f'idejn Kunċett. Marinton mexxiet lil oħtha sal-gallinar u wrietha t-tiġieġa l-bajda. "Issa li hemm, hemm," qalet Kunċett, "flok waħda għandna tnejn. U wara kollox, aħna ma sraqna xejn. Konna ilna nilagħbu bla ma nirbħu!" ***(par. 8)***

(adattata minn ***Il-Praspar Kollha ta' Kunċett u Marinton*** ta' T. Zahra )

| **Taqsima A** | **Il-Qari** | **(30 marka)** |
|---|---|---|

Wieġeb.

**1. Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba.** (4 marki)

| | | **IVA** | **LE** |
|---|---|---|---|
| a. | Il-fiera tar-raħal kellha ssir fil-misraħ tar-raħal. | | |
| b. | Is-Sibt, Marinton u oħtha rħewlha lejn il-misraħ. | | |
| ċ. | Marinton ħadet biljett tal-lotterija u bih rebħet fenek. | | |
| d. | It-tiġieġa l-bajda ħarbet minn idejn Marinton. | | |

**2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.** (3 marki)

a) Il-kappillan tar-raħal ried li n-nies tar-raħal:



| | |
|---|---|
| ma joħorġux minn djarhom dakinhar tal-fiera. | |
| jieħdu sehem fil-fiera għax il-flus kienu se jmorru għall-knisja. | |
| jattendu iżda ma jippartEċipawx fil-logħob. | |

b) Marinton lemħet lit-tiġieġa li kienet ħarbitilha:

| | |
|---|---|
| fuq il-bejt tal-ġar tagħha. | |
| fuq iz-zuntier tal-knisja. | |
| ġo rokna ta' sqaq. | |

ċ) Kunċett ġriet għal fuq:

| | |
|---|---|
| it-tifel li tella' n-numru rebbieħ. | |
| il-kappillan tar-raħal biex tifraħlu. | |
| ir-raġel li kellu tiġieġa bajda f'idu. | |

3. **Wieġeb billi tfittex it-tweġiba fl-istorja.**

a) Kif ġie mżejjen il-misraħ dakinhar tal-Fiera? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

b) X'kien in-numru li bih rebħet Marinton? X'rebħet? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

ċ) Kif nafu li Ċikka kienet tgħajjen lin-nies? (3marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

d) Għaliex Marinton stagħġbet meta Kunċett daħlet lura d-dar b'tiġieġa bajda ? (3 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________



**4. Agħti fi kliemek it-tifsir ta' dawn il-kliem/espressjonijiet.** (2 marki)

| | **Kliem mill-istorja** | **Tifsira** |
|---|---|---|
| a. | *mgħobbi biż-żmien* ***(par. 4)*** | |
| b. | *għajjiena mejta* ***(par 6.)*** | |

**5. <u>Mit-tieni paragrafu</u> sib kelma oħra flok:** (marka)

pjazza ____________________

6. **Imla skont x'hemm mitlub fil-kolonna tal-ġenb. L-ewwel waħda lesta.**
**(10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Il-***baqra*** tagħtina l-ħalib. | **il-femminil** ta' **barri** |
| b. | Il-kennies iżomm it-________________ nodfa. | **il-plural** ta' **triq** |
| ċ. | Fil-kċina daħal ________________ nemel. | Il-kelma li nużaw biex infissru **ħafna nemel.** |
| d. | Robert ________________ tard l-iskola. | **il-mamma** mill-Verb **jaslu** |
| e. | It-tfal ________________ sabiħ ħafna. | **il-preżent** ta' **kiteb** |
| f. | ________________ xitwa tibda fil-21 ta' Diċembru. | **l-artiklu** |
| ġ. | Ommi libset libsa ________________ għall-festa. | Ikteb **aġġettiv** |
| g. | Beda tiela' ________________ iswed. | **sħap** jew **sħab**? |
| għ | "Newwilli ________________ il-pitazzi minn fuq l-ixkaffa." | **pronom dimostrattiv** |
| h. | It-triq ta' warajna ________________ . | **l-oppost** ta' **wiesgħa** |
| ħ. | It-tifel ta' Mari għażel li jibqa' ________________. | **il-maskil** ta' **xebba** |

| Taqsima B | Il-Kitba | (30 marka) |
|---|---|---|

1. Inti tixtieq tibda tissellef il-kotba mil-librerija Nazzjonali, il-Furjana. Imla l-formola t'hawn taħt biex tibda tieħu l-kotba d-dar. (5 marki)



| | |
|---|---|
| Isem u kunjom | |
| Età | |
| Indirizz | |
| | |
| Klassi | |
| Skola | |
| Awtur favorit | |
| L-aħħar ktieb li qrajt | |
| X'tip ta' kotba tħobb taqra? | |
| Tħobb taqra bil-Malti jew bl-Ingliż? | |
| Qatt isselift kotba mil-librerija tal-Kunsill Lokali? | Iva ☐ Le ☐ |

2. Ikteb ittra ta' ringrazzjament lill-ħabib/ħabiba tiegħek talli qattajt tmiem il-ġimgħa li għadda għandu/għandha. (5 marki)

Għażiż/Għażiża ______________,

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

Dejjem Tiegħek,

____________________



3. Ikteb paragrafu ta' mhux anqas minn **GĦAXAR SENTENZI** dwar **WIEĦED** minn dawn: (20 marka)

a) **L-użu tal-kompjuter f'ħajjitna**
Ikteb dwar x'użu għandu l-kompjuter fil-ħajja tiegħek – għall-istudju, biex tikkomunika, bħala mezz ta' divertiment.

b) Darba kont qiegħed id-dar waħdi u smajt ħoss qawwi...
**Kompli din l-istorja.**

ċ) **Immaġina li int pitirross**
Iddiskrivi lilek innifsek u ikteb dwar il-vjaġġi tiegħek. Ikteb dwar dak li tara madwarek, il-biżgħat u l-ferħ tiegħek. Irrakkonta xi ġrajja li mhu ħa tinsa qatt.

d) **Il-Kappell tan-Nannu**
Ħares lejn l-istampi u ikteb storja biex tirrakkonta x'ġara.



**Uża dan l-ispazju biex tagħmel il-pjan għall-kitba tiegħek.**

**(bla marki)**

**Komponiment: ______ (Ikteb a, b, ċ jew d)**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**